# Rispons f'waqtu għal theddidiet għas-saħħa pubblika

F'dawn l-aħħar snin l-Ewropa ntlaqtet minn diversi theddidiet serji għas-saħħa pubblika. L-ikbar tlieta minn dawn it-theddidiet kienu: il-pandemija tal-influwenza H1N1 fl-2009, is-sħaba ta' rmied li ħarġet minn vulkan fl-Iżlanda fl-2010 li fixklet l-ivvjaġġar bl-ajru f'bosta pajjiżi Ewropej, u l-E. coli fl-2011.



Għalkemm l-Unjoni Ewropea diġà kellha Sistema ta' Twissija u Reazzjoni fil-Pront għall-mard li jittieħed, sa mill-1998, dawn it-theddidiet kbar ħolqu l-bżonn ta' miżuri iktar konkreti biex l-Unjoni Ewropea tkun iktar ip-preparata għal diżastri li jaffettwaw lil diversi Pajjiżi Membri f'daqqa.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni Ewropea għadha kemm ħarġet bi proposti sabiex f'każi ta' kriżijiet għas-saħħa pubblika fuq livell Ewropew tissaħħaħ il-kordinazzjoni bejn il-Pajjiżi Membri u b'hekk ikun iktar faċli li theddidiet bħal dawn jiġu kontrollati.

Fost il-miżuri li l-Kummissjoni Ewropea qiegħda tipproponi nsibu:

- l-estensjoni tas-sistema eżistenti ta' kordinazzjoni għal mard li jittieħed u għat-theddid għas-saħħa li jiġi minn kawżi bijoloġiċi, kimiċi jew ambjentali;
- il-possibiltà li l-Pajjiżi Membri jixtru kunsinji ta' vaċċin flimkien biex ikunu iktar preparati meta jinqala' xi diżastru;
- ftehim dwar miżuri ta' emerġenza għall-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea meta l-miżuri fuq livell nazzjonali ma jirnexxilhomx iżommu xi marda milli tinfirex.

Fuq kollox, il-miżuri l-iktar importanti għandhom jittieħdu fejn tidħol il-komunikazzjoni – kemm biex meta tfaqqa' xi theddida għas-saħħa pubblika f'xi Pajjiż Membru jkunu infurmati mill-ewwel il-pajjiżi l-oħra, u kemm biex iċ-ċittadini jkunu jafu x'qiegħed jiġri u x'miżuri qed jittieħdu. Iktar ma ċ-ċittadini jkunu infurmati, iktar ikun hemm ċans li jiġu aċċettati l-prekawzjonijiet meħtieġa u l-miżuri jħallu l-effett mixtieq.

Malta-EU Steering
& Action Committee

280, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta
Telefown: 2200 3300
Email: info.meusac@gov.mt
Websajt: www.meusac.gov.mt